MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (SEDE CIVILI)
# MALTA

## MAGISTRAT DR.
## MALLIA MICHAEL LL.D.

Seduta tat-2 ta' Dicembru, 2002

Avviz Numru. 1008/2001/1

**Anton Cachia**

**Vs**

**Edwin Formosa**

Il-Qorti,

Rat l-avvizipprezentat mill-attur fil-31 ta' Dicembru, 2001, fejn talab lil din il-Qorti illi previa dikjarazzjoni illi l-konvenut kien il-persuna li dehret bhala konvenut fil-kawza fl-ismijiet "Anton Cachia vs Godwin Formosa", deciza fil-Prim'Awla tal-Qorti Civili fit-28 ta' Frar, 2001, ghaliex m'ghandux (1) ikun dikjarat illi s-sentenza moghtija f'dik il-kawza hija esegwibbli kontra l-konvenut u (2) ghala l-isem tal-konvenut f'dik il-kawza u fl-atti l-ohra relattivi u sussegwenti, komprizi s-sentenza moghtija, m'ghandhomx jigu korretti billi jithassar l-isem 'Godwin' u floku jigi sostitwit l-isem "Edwin". U b'digriet tat-28 ta' Mejju, 2002, il-Qorti ordnat iz-zieda tal-kliem "u l-ghala ma

ghandux il-konvenut ikun ikkundannat ihallas is-sorte u l-ispejjez rizultanti mill-kawza fuq indikata."

Bl-ispejjez, kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Ghall-fini tal-kompetenza gie dikjarat illi is-sorte ta' din il-kawza ma jeccedix Lm1800.

Rat in-Nota ta' l-Eccezzjonijiet tal-konvenut fejn eccepixxa:

1. In linea preliminari l-inkompetenza ta' din il-Qorti "ratione materiae" stante li l-azzjoni odierna hija accessorja ghall-azzjoni principali li mmanifestat ruhha meta giet ipprezentata citazzjoni fil-Prim'Awla tal-Qorti Civili fl-ismijiet "Anton Cachia vs Godwin Formosa" deciza mill-istess Qorti fit-28 ta' Frar, 2001.
2. Illi minghajr pregudizzju ghall-premess, l-pretenzjonijiet tal-attur m'ghandhom ebda fondament guridiku u huma legalment insostenibbli stante li ai termini tal-Artiklu 175(1) tal-Kodici ta' Procedura Civili korrezzjoni ta' att gudizzjarju bil-miktub, bhal citazzjoni tista' ssir mhux aktar tard mid-data tal-prolazzjoni tas-sentenza mentri f'dan il-kaz is-sentenza moghtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fit-28 ta' Frar, 2001, fil-kawza fl-ismijiet "Anton Cachia vs Godwin Formosa" mhux biss giet deciza izda sahansitra ghaddiet in gudikat. Konsegwentement it-talba ghall-korrezzjoni tac-citazzjoni riferita m'ghandha ebda bazi legali u hija nsostenibbli in kwantu li m'hix permessa mil-Ligi f'dan l-istadju u konsimilment hija nsostenibbli t-talba biex jigi dikjarat li s-sentenza moghtija fil-kawza citata fil-konfront ta' "Godwin Formosa" ghandha tkun esegwibbli kontra l-eccipjent li jismu "Edwin Formosa".
3. Salvi eccezzjonijiet ohra.

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawza;

Ikkunsidrat:

Illi b'din il-kawza l-attur qieghed jitlob korrezzjoni ta' sentenza moghtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fit-28 ta' Frar, 2001, fl-ismijiet Anton Cahia vs Godwin Formosa. Dana l-ghaliex, sussegwentement ghal l-ghoti ta' sentenza l-attur sar jaf illi l-konvenut fil-fatt jismu Edwin Formosa u mhux Godwin Formosa.  Ghalhekk, l-okkju tas-sentenza moghtija mill-Prim'Awla hija zbaljata u d-decizjoni giet moghtija kontra persuni differenti milli fil-fatt kellhom ikunu.

B'din l-istanza, l-attur qed jipprova jerga' jiftah il-kawza mill-gdid, ukoll bl-istess kanoninazzjoni moghtija bis-sentenza fuq imsemmija.

Ikunsidrat:

Illi din il-kawza hija wahda ta' natura purament procedurali u l-Qorti ma jidhrilhiex illi l-attur jista' jaghmel talba bhal din quddiem din il-Qorti.  Dana l-ghaliex huwa ormai stabbilit fil-gurisprudenza illi l-izball fl-okkju ghandu jsir mill-Qorti li tkun effettivament ippronuncjat is-sentenza.

Mhux l-ewwel darba, tinqala' sitwazzjoni ta' zball li l-partijiet jippruvaw jissanawh permezz tal-Qorti ta' l-Appell. Izda hawn ukoll, dana qatt ma gie permess u l-Qorti dejjem irremettiet il-kawza lill-prima stanza biex tikkoregi l-izball hi.

Hekk gara, per ezempju fil-kawza fl-ismijiet Victor Licari vs Joseph Caruana deciza mill-Qorti ta' l-Appell Sede Inferjuri fis-17 ta' Novembru, 2000, fejn fost affarijiet ohra l-Qorti qalet, "…att gudizzjarju li din il-Qorti ma tistax tikkoregi hi stess ghax hu emess minn Qorti ohra…"

L-aktar taghlim importanti illi jghodd ghal din il-kawza pero' nghata mill-Qorti ta' l-Appell fl-ismijiet Joseph Busuttil vs Avukat Dr John Mamo noe. fit-28 ta' Frar, 1997, fejn inghad, "Hi biss il-Qorti li ppronuncjat is-sentenza li tista' taghmel ir-rettifika opportuna ghaliex is-sentenza appellata taghmel biss stat fil-konfront ta' dawk il-persuni li hi tiddikjara fl-okkju taghha li huma partijiet in kawza."

Il-Qorti ta’ l-appell imbaghad ghaddiet biex annullat il-kawza u baghtet l-atti quddiem l-ewwel Qorti sabiex din taghmel dak li jidhrilha necessarju biex tiddetermina l-kawza.

L-attur ghandu, ghalhekk, jirregola ruhu b’mod iehor, izda ma jistax jadixxi din il-Qorti biex jitlob dak illi talab fl-Avviz. Dan jispetta lill-Qorti ohra.

Ghal dawn il-motivi:

Il-Qorti taqta’ u tiddeciedi billi filwaqt illi tiddikjara ruhha nkompetenti ‘ratione materiae’, tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-talba.

Bl-ispejjez kontra l-attur.

Anthony Zammit
Deputat Registratur